[ESF.03.015]

# Is-Sitt  Sejħa - Regolamenti 2020

## 13 ta' Lulju  2020 – 31 ta' Lulju 2020
## Nofsinhar - Ħin Lokali

## Din l-iskema hija amministrata mit-Taqsima ta' Boroż ta' Studju fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

Programm Operattiv II-
*Fond Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020*
*"Ninvestu fir-riżorsi uman sabiex noħolqu aktar opportunitajiet filwaqt li nippromwovu t-tisħiħ tas-soċjeta`"*
Boroż ta' Studju parzjalment finanzjati mill-Unjoni Ewropew
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 80% Fondi mill-Unjoni Ewropea; 20% Fondi Nazzjonali

# Werrej


1 Daħla ........ 3
2 Miri u Oġġettivi ........ 3
3 Noti ta' Spjega ........ 3
4 Eliġibbiltà ........ 7
5 Il-Mandat u Lokazzjoni ........ 9
6 L-Għażla tal-Istituzzjoni ........ 10
7 L-Amministrazzjoni tal-Iskema ENDEAVOUR ........ 11
8 Applikazzjonijiet ........ 11
9 Eliġibbiltà, Il-Proċess tal-Għażla u Proċeduri ........ 13
10 Kriterji tal-Għażla ........ 15
11 Tipi ta' Boroż ta' Studju ........ 15
12 Għotjiet Addizjonali *(Additional Allowances)* ........ 17
13 Kundizzjonijiet Ġenerali għall-Għotjiet ........ 19
14 F'każ li l-Studju Jintemm Qabel it-Tlestija ........ 22
15 Obbligazzjonijiet ESF għall-Pubbliċità ........ 23
16 Informazzjoni ........ 23
17 Skeda I ........ 24
18 Skeda II ........ 28
19 Skeda III ........ 29

# 1 Daħla

1.01 L-Iskema ta' Boroż ta' studju ENDEAVOUR hija intenzjonata biex tappoġġa edukazzjoni terzjarja ta' kwalità tajba u li tassigura li s-suq tax-xogħol Malti jiġi msaħħaħ b' individwi abbli u li tiggarantixxi li jkunu f'pożizzjoni aħjar li jikkompetu f'livell internazzjonali. L-għan ta' din l-iskema huwa li jappoġġa lil dawk li jsegwu din it-triq sabiex jirnexxu kemm fil-livell tal-kisba tal-edukazzjoni filwaqt li jkunu kapaċi jagħtu kontribut effettiv fl-ekonomija.

1.02 L-edukazzjoni post-universitarja tifforma parti dejjem ikbar fl-aġenda ekonomika u soċjali ta' kwalunkwe pajjiż billi tħeġġeġ individwi jkomplu bl-istudji professjonali tagħhom.

1.03 L-Iskema ENDEAVOUR li għandha l-għan li tindirizza l-oġġettivi msemmija hawn fuq, hija parzjalment iffinanzjata mill-Programm Operattiv tal-Unjoni Ewropea II - Politika ta' Koeżjoni 2014 - 2020.

# Regolamenti Ġenerali

# 2 Miri u Oġġettivi

2.01 L-għanijiet ewlenin tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR huma li:

- Tħajjar individwi sabiex ikomplu bir-riċerka akkademika tagħhom;
- ittejjeb il-kwalità u r-relevanza tas-sistema edukattiva;
- tnaqqas id-diskrepanzi fil-ħiliet speċjalment f'setturi ekonomiċi ta' prijorità;
- tappoġġa aktar riċerka fix-xjenza u t-teknoloġija; u
- iżżid il-kapaċità u l-livell ta' riċerka, innovazzjoni u attività ta' żvilupp f'Malta.

# 3 Noti ta' Spjega

3.01 **Rekord Akkademiku** huwa dokument uffiċjali maħruġ minn Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta. Dan id-dokument jinkludi l-marki/gradi miksuba mill-applikanti, u fejn hu possibbli l-grad/klassifikazzjoni finali.

3.02 **Il-Ftehim** huwa dokument li jorbot legalment lill-benefiċjarju u lill-*Project Leader* tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR. Dan id-dokument irid jiġi ffirmat mill-benefiċjarju bħala dik il-persuna li qiegħda tibbenefika mill-Borża ta' Studju. Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li jagħmlu parti mill-ftehim. Dan il-ftehim għandu jiġi ffirmat mhux aktar tard minn tliet xhur minn wara l-bidu tal-kors ta' studju jew mill-pubblikazzjoni tal-klassifika (*Ranking Order*), skont liema tiġi l-aħħar, sakemm ma jkunx hemm ġustifikazzjoni ulterjuri. Wara li jsir l-ewwel pagament, il-bqija tal-ammont imniżżel fil-ftehim jitħallas wara li jiġi pprovdut traskritt proviżorju/ dokument uffiċjali, li juri l-ammont ta'ECTSs miksuba u dokumenti relevanti oħra li jiġu verifikati għall-

fini ta' eliġibbiltà u korrettezza. L-aħħar 5% jiġu mħallsa wara li l-benefiċjarji jipprovdu prova tal-kisba tal-kwalifika. F'każ ta' inkonsistenza bejn il-ftehim u dawn ir-regolamenti, dawn ir-regolamenti għandhom jipprevalu fil-każijiet kollha, u l-ftehim għandu jiġi rivedut skont id-diskrepanza u l-inkonsistenza sabiex jaqbel ma' dawn ir-regolamenti.

3.03 **Applikant** huwa persuna li tissottometti applikazzjoni għal Borża ta' Studju.

3.04 **Benefiċjarju** huwa applikant li qed jingħata l-Borża ta' Studju.

3.05 **Il-Korp li jipprovdi l-Għoti tal-Kwalifika** jirreferi għal organizzazzjoni rikonoxxuta mill-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali rilevanti, li l-iskop tagħha hu li tagħti kwalifiki akkreditati.

3.06 **Data tal-bidu tal-Borża ta' Studju** hija d-data, kif tidher fl-Ittra ta' Aċċettazzjoni bla Kundizzjoniji (ULA), ta' meta jibda l-programm/kors ta' studju, li minna jibdew jingħataw il-ħlasijiet lill-benefiċjarji.

3.07 **Data tat-Tlestija** hija d-data meta jitlesta l-programm ta' studju u r-riżultat finali jiġi ppubblikat.

3.08 **It-Tul tal-Kors** irid jiġi stabbilit mill-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta. Għal korsijiet li jkunu itwal jew iqsar minn 12-il xahar, l-għotjiet addizzjonali jiġu kkalkulati *pro rata* fuq in-numru ta' xhur murija fuq il-ULA.

3.09 **ECTS** hija s-Sistema Ewropea ta' Trasferiment ta' Kretti. Pagamenti huma kkalkulati skont in-numru ta' ECTS miksuba.

3.10 **Id-Data ta' Tmiem** hija d-data kif tidher fil-ULA u li fuqha jiġu kkalkolati l-ħlasijiet tal-għotjiet addizzjonali

3.11 **L-Iskema tal-Boroż ta' Studju ENDEAVOUR** hija, għal fini ta' dawn ir-regolamenti, u għall-ftehim, skema ta' Boroż ta' Studju amministrata mit-Taqsima tal- Boroż ta' Studju fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Din l-iskema hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea Programm II – Politika ta' Koeżjoni 2014-2020 *"Ninvesti fir-riżorsi umani sabiex noħolqu aktar opportunitajiet filwaqt li nippromwovu t-tisħiħ tas-soċjetà"*– Fond Soċjali Ewropew.

3.12 **Il-Bord tal-iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR** huwa l-bord maħtur mill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Dan il-Bord huwa fdat bl-evalwazzjoni u bl-għażla kategorika tal-applikanti għall-għoti ta' Boroż ta' Studju u s-sorveljanza tal-Iskema.

3.13 **ESF European Social Fund** huwa l-Fond Soċjali Ewropew.

3.14 **Studji *Full-time*** huma studji li jsiru fuq bażi *full-time* fiżikament fuq il-kampus tal-istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta. Dawn jeskludu studji li jsiru minn post ieħor li mhux il-post assenjat bħala l-kampus. Il-Bord jista' jitlob lill-istituzzjoni tikkonferma l-preżenza u l-perjodu ta' żmien li l-benefiċjarju jkun qiegħed jattendi fuq il-kampus.

3.15 **Programmi ta' Studju *Full-time / Distance Learning*. L-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta għandha tinforma lill-uffiċċju responsabbli mill-iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR** dwar liema parti mill-programm tkun se ssir fuq il-kampus u liema parti tkun se ssir fuq bażi ta' *Distance Learning*. Jekk l-Istituzzjoni ma tipprovdix din l-informazzjoni fi żmien ġimagħtejn wara li tkun ġiet notifikata mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR, il-kors ta' studju jitqies bħala wieħed fuq bażi ta' *Distance Learning* . Għal definizzjoni ta' studji *full-time*, ara Klawsola 3.14 ta' dawn ir-Regolamenti.

3.16 **ISCED** hija l-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni.

3.17 **Lawrja Konġunta** hija lawrja maħruġa minn tal-inqas żewġ Istituzzjonijiet Edukattivi li joffru programm integrat u rikonoxxut uffiċjalment fil-pajjiżi fejn jinsabu l-istituzzjonijiet li jagħtu l-lawrja. Għall-fini ta' dawn ir-Regolamenti, meta applikant japplika għal Lawrja Konġunta, għandha tiġi identifikata Istituzzjoni Ewlenija. Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR jirrikonoxxi istituzzjoni rikonoxxuta waħda biss.

3.18 **Programm Masters** huwa programm ta' edukazzjoni ogħla tat-tieni ċiklu li:

- jwassal għal kwalifikazzjoni fil-Livell ta' Masters, offrut minn Istituzzjoni ta' Edukazzjoni Ogħla (inkluż Università) b'minimu ta' 60 ECTSs (ibbażat fuq il-*Bologna Process*); u
- li jwassal għal kwalifika fil-Livell 7 tal-QMK.

3.19 **MQF** – (**bil-Malti) Qafas Malti għall-Kwalifiki jew QMK** huwa l-qafas ta' traduzzjoni li jiffaċilita l-proċess li bih kwalifiki nazzjonali jkunu rikonoxxuti madwar l-Ewropa. Dan jippromwovi u jtejjeb il-mobbiltà tal-ħaddiema u tal-istudenti bejn il-pajjiżi u jiffaċilita t-tagħlim tul il-ħajja.

3.20 **Kwalifika f'Livell 7 tal-QMK** hija kwalunkwe kwalifika akkreditata fil-Livell 7 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki mill-MQRIC fi ħdan NCFHE.

3.21 **MQRIC** huwa ċ-Ċentru ta' Informazzjoni għar-Rikonoxximent ta' Kwalifiki ta' Malta fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (NCFHE).

3.22 **NCFHE** hija l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla.

3.23 ***Per Annum*** hija tnax (12) –il xahar kalendarju.

3.24 ***Project Leader* (PL)** hija l-persuna fdata bir-responsabbiltà legali u finanzjarja għall-implimentazzjoni ta' dan il-proġett.

3.25 **Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta** hija Istituzzjoni għall-Edukazzjoni Ogħla, jew Korp għall-Għoti ta' kwalifiki li jkun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż fejn l-istituzzjoni hija reġistrata u rikonoxxuta reċiprokament mill-NCFHE (fil-każ ta' istituzzjonijiet barranin) jew istituzzjonijiet edukattivi reġistrati lokalment u li huma akkreditati mill-NCFHE.

3.26 **Il-Bord tal-Appelli tal-Boroż ta' Studju** huwa Bord maħtur mill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, fdat bl-assessjar u l-għoti ta' deċiżjoni finali ta' appelli mibgħuta mill-applikanti, fejn huma jikkontestaw deċiżjonijiet meħudin mill-Bord ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR u/jew il-*Project Leader* bħala l-amministratur tal-iskema ENDEAVOUR dwar l-interpretazzjoni ta' dawn ir-regolamenti. Deċiżjonijiet meħudin mill-Bord tal-Appelli huma finali u irrevokabbli għall-finijiet u l-intenzjonijiet kollha ta' din l-iskema.

3.27 **L-Għotja għal Studji barra minn Malta** hija għotja addizzjonali ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) li tingħata lill-benefiċjarji li qegħdin jistudjaw barra mit-territorju Malti fuq bażi *full-time* f'Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta tul il-programm/kors ta' studju tagħhom.

Fil-każ ta' safar minħabba studju, il-benefiċjarji li qed jistudjaw fuq bażi *part-time* huma intitolati għal għotja ta' mitejn (€200) ewro kull safra sa massimu ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400) f'perjodu ta' tnax-il xahar. Din l-għotja tiġi mħallsa meta jiġu ppreżentati l-*boarding passes* u konferma mill-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta.

3.28 **Traskritt** huma l-istess bħar-**Rekord Akkademiku.**

3.29 **Ittra ta' Aċċettazzjoni Bla Kundizzjonijiet (ULA)** hija ittra maħruġa mir-Reġistratur (jew minn delegazzjoni ta' awtorità ogħla) tal-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta li għandha jkollha d-dettalji li ġejjin:

- Dikjarazzjoni ċara mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta li qiegħda taċċetta **mingħajr l-ebda kundizzjoni** lill-Applikant biex isegwi Programm Speċifiku ta' Studju akkreditat;
- **Id-Data tal-Bidu** tal-Programm ta' Studju akkreditat(Irrid jiġi indikati id-data, ix-xahar us-sena);
- **Id-data tat-Tmiem tal-Kors**. (Irrid jiġi indikati id-data, ix-xahar us-sena);
- **Il-modalità tal-Istudju** (jiġifieri jekk huwiex tagħlim fuq bażi *part-time / distance learning* jew fuq bażi *full-time*);
- **In-numru ta' ECTSs** li jappartjenu għal programm ta' studju.
- **In-numru ta' attendenzi obbligatorji fuq il-kampus**. Dan għandu jingħata biss fil-każ ta' applikanti li qegħdin jistudjaw fuq bażi *part-time* jew *distance learning* ma' istituzzjoni edukattiva barra t-territorju Malti. In-numru ta' dawn l-attendenzi għandhom ikunu mniżżla fuq il-ULA jew dokument separat li jinkludi l-ammont annwali jew l-ammont globali ta' matul il-kors kollu.
- Informazzjoni addizzjonali mitluba mill-*Project Leader.*

L-applikanti għandhom jaraw li l-ftehim, li jiġi ffirmat aktar tard, (f'każ li l-applikant/a j/tingħata Borża ta' Studju), għandu jinkludi biss l-informazzjoni murija fil-ULA pprovduta sal-**Ġimgħa, 9 ta' Ottubru 2020 sa mhux aktar tard mill-4.00 ta' waranofsinhar (Ħin Lokali).**

**Huwa d-dmir tal-Applikanti li jaraw li meta jagħżlu Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta, din l-Istituzzjoni tkun f'pożizzjoni li toħroġ Ittra ta' Aċċettazzjoni Bla Kondizzjoni / ULA bid-dettalji deskritti hawn fuq. Din għandha tkun fil-forma ta' ittra oriġinali, iffirmata mir-Reġistratur (mid-delegazzjoni ta' awtorità ogħla). Kopji skennjati, kopji f'format PDF jew f'format ieħor mibgħut elettronikament għandhom jiġu aċċettati PROVIŻORJAMENT skont it-termini ta' Klawsola 6.02 sakemm l-uffiċċju responsabbli mill-Iskema ENDEAVOUR ma jkunx irċieva dan id-dokument direttament mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta. Jekk le, kopja oriġinali tal-ULA għandha tiġi pprovduta qabel l-iffirmar tal-Ftehim.**

**Fil-każ li l-Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta toħroġ biss kopji elettroniċi tal-ULA, dan id-dokument għandu jintbagħat direttament permezz ta' imejl mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta lill-Uffiċċju responsabbli mill-Iskema ENDEAVOUR. Kopji tal-ULA skennjati jew mibgħuta mill-applikanti ma jiġux aċċettati.**

# 4 Eliġibbiltà

4.1 Sabiex ikunu jistgħu japplikaw għal Borża ta' Studju taħt l-Iskema ENDEAVOUR, l-applikanti għandhom, sad-data tal-għeluq tal-applikazzjoni tal-iskema Endeavour:

4.01.1 (a) ikunu ċittadini Maltin li ilhom joqogħdu f'Malta għal dawn l-aħħar ħames (5) snin. Jekk ċittadini Maltin kienu jgħixu barra minn Malta għal skop ta' studju, saħħa, xogħol jew għal xi skop ieħor li l-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju Endeavour jista' jikkunsidra, xorta jkunu eliġibbli sabiex japplikaw. Dan il-perjodu ta' żmien ma jiġix ikkalkulat mal-ħames (5) snin ta' residenza f'Malta rekwiżiti kif mitluba mill-Iskema; jew

(b) ikunu ċittadini Maltin li huma ħaddiema jew persuni li jaħdmu fuq bażi ta' *self-employed*; jew

(ċ) ikunu ċittadini ta' stat tal-UE/ ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea) jew membri tal-familja ta' ċittadin tal-UE/ŻEE (kif definit f'L.S.460.17 u f'L.S.217.04 rispettivament għaċ-ċittadini tal-UE u taż-ŻEE), sakemm dawn il-persuni jkunu kisbu residenza permanenti f'Malta skont LS.460.17 u LS.217.04 rispettivament għaċ-ċittadini tal-UE u taż-ŻEE; jew,

(d) ikunu ċittadini ta' stat tal-UE/ŻEE li jkunu f'Malta jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom bħala ħaddiema, persuni li jaħdmu fuq bażi ta' self-employed jew persuna li żżomm dan l-istat skont LS460.17; jew**,**

(e) ikunu ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu ngħataw stat ta' residenza fit-tul taħt L.S.217.05.

4.01.2 Ikunu qegħdin japplikaw għal programm ta' studju f'Livell 7 tal-QMK ta' mhux aktar minn sentejn (2) (erbgħa u għoxrin 24) xahar).

4.02. Applikanti li diġà għandhom Kwalifika ta' *Masters* Livell 7 tal- QMK jistgħu japplikaw għal *Master*s ieħor, **IMMA** ma jistgħux japplikaw taħt din l-iskema għal programmi ta' studju ta' livell inqas minn *Masters,* bħal pereżempju Diploma Post-Gradwatorja. Applikanti li diġà kisbu kwalifika fil-Livell 8 tal-QMK ma jistgħux japplikaw għal din l-iskema.

4.03 L-applikanti għandhom jibdew il-kors ta' studju tagħhom, li jwassal għal kwalifika fil-Livell 7 tal-QMK bejn it-13 ta' Lulju 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020.

4.04 Applikanti li diġà bdew il-programm ta' studju f'Livell 7 tal-QMK qabel il-Ġimgħa 13 ta' Lulju 2020 (id-data tat-tnedija tal-Iskema) mhumiex eliġibbli sabiex japplikaw.

4.05 Applikanti li, sad-data tal-għeluq tal-applikazzjoni, qegħdin jattendu għal kors ta' studju ieħor, xorta jistgħu japplikaw, sakemm il-programm ta' studju jispiċċa u r-riżultati tiegħu jiġu ppubblikati sa Diċembru 2020, qabel ma jidħlu fi ftehim ieħor taħt l-Iskema ta' Borża ta' Studju ENDEAVOUR (jekk jiġu magħżula).

4.06 Applikazzjoni onlajn kompluta għandha tiġi sottomessa mill-applikant sal-**Ġimgħa 31 ta' Lulju 2020 f'nofsinhar (Ħin Lokali)**. It-Traskritti, il-ULA, ir-rapport tal-MQRIC jew kopja tal-irċevuta (fejn applikabbli) għandhom jintbagħtu lill-Uffiċċju tal-Iskema Endeavour sal-**Ġimgħa, 9 ta' Ottubru 2020 fl-4.00 ta' wara nofs inhar (Ħin Lokali)**.

4.07 F'każ ta' Applikanti li japplikaw għal programm ta' studju li jwassal għal kwalifika f' Livell 7 tal-QMK, għandu jipprovdi, sal-**Ġimgħa 9 ta' Ottubru 2020 fl-4.00 ta' waranofs inhar (Ħin Lokali)**, ULA għal kors /programm ta' studju f'Livell 7 tal-QMK indikat fl-applikazzjoni maħruġa minn Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta.

4.08 Applikanti li qed jibdew programm ta' studju li jwassal għal kwalifika f' Livell 7 tal-QMK, imma li parti minnu jibda minn Livell 6 tal-QMK ma jitqisux eliġibbli li japplika taħt din l-iskema, iżda jitqies eliġibbli li japplikaw taħt l-MGUS (Malta Government Undergraduate Scheme / Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti).

4.09 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti, li għandhom kwalifika f'Livell 5 tal-QMK jew ogħla, mogħtija minn Istituzzjoni ta' Edukazzjoni lokali jew barranija li mhijiex l-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija jew l-Istitut għall-Istudji Turistiċi, sabiex jipprovdu rapport ta' evalwazzjoni jew irċevuta ta' applikazzjoni tal-MQRIC dwar l-ekwivalenza u l-komparabbiltà ta' kwalifikazzjonijiet maħruġa mill-MQRIC fi ħdan il- Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (NCFHE) għal dawk l-Istituzzjonijiet Edukattivi u kwalifiki li ma humiex inklużi fil-

"Lista ta' Korsijiet Akkreditati offruti minn Istituzzjonijiet Liċenzjati". Kopja ta' dan ir-rapport ta' evalwazzjoni jew irċevuta ta' applikazzjoni tal-MQRIC jew awtorità delegata fil-każ ta' *warrants*, għandha tiġi mtella' mehmuża mal-applikazzjoni.

l-Applikanti li għad m'għandhomx dan ir-rapport xorta jistgħu japplikaw, bil-kundizzjoni li jipprovdu kopja tar-rapport jew l-irċevuta lill-Uffiċċju responsabbli mill-Iskema ENDEAVOUR meta dan id-dokument isir disponibbli, f'kull każ mhux aktar tard mill-**Ġimgħa, 9 ta' Ottubru 2020 fl-4.00 ta' waranofsinhar (Ħin Lokali)**.

4.10 Applikanti li diġa huma fil-pussess ta' għotjiet pubbliċi nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea (jew taħlita tat-tnejn) jew Boroż ta' Studju nazzjonali / UE / Commonwealth (jew taħlita) għall-istess kors /programm ta' studju għandhom jitqiesu bħala mhux eliġibbli li japplikaw taħt l-iskema ENDEAVOUR jekk mhux notifikati u approvati mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju Endeavour . Kwalunkwe Boroż ta' Studju jew għotjiet supplimentari oħra mogħtija lill-benefiċjarju tal-Boroż ta' Studju għandhom jiġu nnotifikati lil u approvati mill-Bord tal-Iskema ENDEAVOUR, kemm jekk dawn ikunu mogħtija lill-applikant qabel l-Iskema ENDEAVOUR jew matul il-perjodu kollu kopert mill-Borża ta' Studju. Fil-każ li applikant jingħata Borża ta' Studju ENDEAVOUR, u l-*Project Leader* / MEDE f'xi stadju, jew wara l-għotja ta' tali Borża ta' Studju jiskopru li l-benefiċjarju, kemm qabel l-għoti tal-Boroż ta' studju, jew anke wara, qiegħed jirċievi kwalunkwe għotja pubblika nazzjonali / UE jew boroż ta' studju nazzjonali / UE, il-benefiċjarju tal-Boroż ta' Studju għandu jkun obbligat li jrodd lura l-ammonti kollha sa dakinhar imħallas lilu / lilha u dan mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni legali oħra li tista' tittieħed fir-rigward tiegħu / tagħha.

Barra minn hekk, applikanti mogħtija Borża ta' Studju taħt l-Iskema ENDEAVOUR [ESF.03.015] ma jistgħux jibbenefikaw minn kwalunwe skema ta' Boroż ta' Studju oħra amministrata mit-Taqsima Ta' Boroż ta' Studju fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Dan jinkludi, u mhux limitat għall-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Edukazzjoni Terzjarja (TESS), l-iskema Boroż ta' Studji tal-Arti f'Malta u l-iskema Boroż ta' Studji fl-Isport għall-istess kors ta' studju / programm.

4.11 L-applikanti jitqiesu ineliġibbli għal Borża ta' Studju jekk jiksru xi parti minn dawn ir-regolamenti.

4.12 L-applikanti jistgħu japplikaw għal programmi ta' studju f'kull qasam ta' studju kif speċifikat fi Skeda Nru.1 ta' Taqsima 17 ta' dawn ir-regolamenti.

# 5 Il-Mandat u Lokazzjoni

5.01 Il-Applikanti jistgħu jibbenefikaw minn din l-Iskema jekk ikunu se jsegwu programm akkreditat f'Istituzzjoni Edukattivi lokali jew Internazzjonali rikonoxxuta mill-NCFHE sabiex jiġu kkonsidrati mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż Studju ENDEAVOUR.

5.02 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkunu applikaw biex isegwu kwalifika mogħtija minn Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta barranija jew lokali li mhijiex l-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija jew l-Istitut għall-Istudji Turistiċi, sabiex jipprovdu rapport ta' evalwazzjoni jew irċevuta ta' applikazzjoni tal-MQRIC dwar l-ekwivalenza u l-komparabbiltà ta' kwalifikazzjonijiet maħruġa mill-MQRIC fi ħdan il- Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (NCFHE) għal dawk l-Istituzzjonijiet Edukattivi u kwalifiki li ma humiex inklużi fil-"Lista ta' Korsijiet Akkreditati offruti minn Istituzzjonijiet Liċenzjati". Kopja ta' dan ir-rapport ta' evalwazzjoni jew irċevuta ta' applikazzjoni tal-MQRIC, għandha tiġi mtella' mal-applikazzjoni. Applikanti li għad m'għandhomx dan ir-rapport jew irċevuta xorta jistgħu japplikaw, sakemm dan ir-rapport jew irċevuta mill-MQRIC jiġi pprovdut lill-uffiċċju responsabbli mill-Iskema ENDEAVOUR sal-**Ġimgħa, 9 ta' Ottubru 2020 2019 fl- 4.00 ta' waranofsinhar (Ħin Lokali).** Ir-rekwiżiti li jinsabu fi Klawsola 4.11 ta' dawn ir-regolamenti japplikaw *mutatis mutandis*.

5.03 Iċ-Ċentru ta' Informazzjoni għar-Rikonoxximent ta' Kwalifiki ta' Malta (MQRIC) jistà jiġi kkuntattjat kif ġej:

Ċentru ta' Informazzjoni għar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki ta' Malta (MQRIC) /
Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (NCHFE)
Triq J. Abela Scolaro
Ħamrun HMR1304
Nru. tat-Telefon: 153
Imejl: qric.malta@gov.mt
Paġna elettronika: www.ncfhe.gov.mt

## 6 L-Għażla tal-Istituzzjoni

6.01 L-applikanti huma mistennija jidentifikaw mhux aktar minn ħames (5) istituzzjonijiet rikonoxxuti u programmi ta' studju/korsijiet li jaħsbu li huma l-aktar xierqa, fl-applikazzjoni tagħhom onlajn. L-ebda tibdil ma jista' jsir fil-lista tal-istituzzjonijiet wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjoni, jiġifieri sal-31 ta' Lulju 2020 **f'nofsinhar (Ħin Lokali).**

6.02 L-applikanti għandhom jipprovdu mill-inqas ittra waħda ta' Aċċettazzjoni bla Kundizzjoni (ULA) minn waħda mill-Istituzzjoni Edukattivi Rikonoxxuta li tkun imniżżla fl-applikazzjoni tagħhom. L-aħħar ġurnata meta tista' tintbagħat il-ULA hija l-**Ġimgħa, 9 ta' Ottubru 2020 fl-4:00 ta' waranofsinhar (Ħin lokali).**

6.02.01 Mal-ittra ta' Aċċettazzjoni bla Kundizzjoni għandha tingħata dikjarazzjoni mill-applikanti li huma beħsiebhom ilestu l-programm ta' studju u l-preżentazzjoni tat-teżi u/jew il-proġett kmieni biżżejjed, biex sat-**30 ta' Ġunju 2023**[1], **l-**

[1] Dan jista' jiġi estiż fil-każ ta' ċirkustanzi ġustifikati..

**Istituzzjoni ta' Edukazzjoni Ogħla/ Università tkun f'pożizzjoni li tikkonferma li l-persuna benefiċjarja tkun ingħatat il-kwalifika. (Ara Skeda Nru. III ta' dawn ir-regolamenti).**

6.03 Ħafna korsijiet għandhom restrizzjonijiet ta' żmien, u l-applikanti għandhom jaraw x'hemm bżonn li jsir biex jassiguraw li jidħlu b'suċċess għall-kors ta' studju tagħhom qabel jagħmlu applikazzjoni għall- Borża ta' Studju fl-Iskema ENDEAVOUR. L-applikanti għandhom jinnutaw li n-numru ta' istituzzjonijiet / dipartimenti tal-Università jitolbu li applikanti juru *Graduate Management Admission Test* (GMAT) jew *Graduate Record Examination* (GRE) qabel ma l-offerta għad-dħul fil-kors tkun tista' ssir. Miżati jew spejjeż marbutin ma' dawn it-testijiet mhumiex koperti mill-fondi tal-Iskema ENDEAVOUR. L-applikanti għandhom jiċċekkjaw ir-rekwiżiti relevanti biex jiġu aċċettati għall-kors tagħhom.

## 7 L-Amministrazzjoni tal-Iskema ENDEAVOUR

7.01 L-Iskema tal- Boroż ta' Studju ENDEAVOUR hija amministrata mit-Taqsima ta' Boroż ta' Studju fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR huwa responsabbli mill-proċess tal-għażla, il-klassifika u mis-sorveljanza ġenerali tal-Iskema.

Kull korrispondenza għandha tiġi indirizzata lil:

Skema Boroż ta' Studju ENDEAVOUR
Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol
Kamra 115,
Triq l-Assedju l-Kbir,
Il-Floriana VLT 2000,
Malta
Nru. tat-telefon: 153
Imejl: ***endeavour.mede@gov.mt***
Websajt: ***www.myscholarship.gov.mt***

## 8 Applikazzjonijiet

8.01 B'relazzjoni mal-impenn ambjentali u responsabbilità soċjali tat-Tasima ta' Boroż ta' Studju, **applikazzjonijiet huma aċċettati biss onlajn**. L-applikanti huma mitluba japplikaw billi jidħlu fuq ***www.myscholarship.gov.mt***. L-applikanti jrid ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-e-ID sabiex ikunu jistgħu jaċċessaw u jimlew l-applikazzjoni. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jiżguraw li l-applikazzjoni tagħhom tkun ġiet sottomessa b'suċċess, li jżommu kopja tal-Formola tal-Applikazzjoni u li jżommu wkoll

kopja tal-irċevuta ġġenerata elettronikament. Din għandha sservi bħala prova li l-applikanti applikaw u li l-applikazzjoni tagħhom ġiet sottomessa b'suċċess u fil-ħin.

Kopja skennjata ta' dawn id-dokumenti għandha tiġi mtellgħa mal-applikazzjoni:

i) *Curriculum Vitae*
ii) It-tliet (3) Appendiċi , jiġifieri Appendiċi 1, Appendiċi II u Appendiċi III;
iii) It-*Traskritti* tal-Istituzzjoni għall-Edukazzjoni Ogħla (inklużi dawk li jkunu ġew minn Università (jekk disponibbli);
iv) Ittra ta' Aċċettazzjoni bla Kundizzjonijiet mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta li għaliha saret l-applikazzjoni (ULA) - *(jekk din tkun disponibbli fil-ħin tal-applikazzjoni);*
v) Rapport ta' evalwazzjoni maħruġ mill-MQRIC / irċevuta tal-applikazzjoni (*jekk din tkun disponibbli fil-ħin tal-applikazzjoni*) kif indikat fi Klawsola 4.09 u 5.02 (jekk meħtieġ);
vi) Dokument maħruġ mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà lil persuni (CRPD) (fejn applikabbli);
vii) Permess Permanenti ta' residenza (fejn applikabbli);
viii) Dikjarazzjoni mill-applikant li turi li huwa/hija għandu/ha l-intenzjoni li jtemm/ittemm il-kors ta' studju fiż-żmien stipulat (Imla u tella' Skeda III annessa ma' dawn ir-regolamenti).
ix) Residenti Għawdxin iridu japplowdjaw iċ-ċertifikati meħtieġa skond Klawsola 12.01.3.

**Il-Bord għall-Iskema Boroż ta' Studju ENDEAVOUR jagħti importanza konsiderevoli lil dawn it-taqsimiet fl-applikazzjoni onlajn:**

- Appendiċi I: Ir-rilevanza tal-Istudju/Riċerka mal-qasam ta' Prijorità identifikata (Magħżula minn Skeda Nru. 1);
- Appendiċi II: Ir-rilevanza tal-Istudju/Riċerka mal-Prijoritajiet Strateġiċi ta' Malta u l-Istrateġiji EU2020;
- Appendiċi III: L-impatt tal-Istudju/Riċerka fuq l-Iżvilupp ta' Malta.

**Għaldaqstant, il-Bord għall-Iskema Boroż ta' Studju ENDEAVOUR jista' jippenalizza applikanti li ma jipprovdux l-Appendiċi mitluba mal-formola tal-applikazzjoni.**

- Appendiċi I: Applikanti li qegħdin japplikaw għal kors ta' studju f'Livell 7 tal-QMK għandhom jispjegaw ir-rilevanza b'mod ċar ta' kif l-istudju/riċerka tagħhom hija relatati mal-qasam ta' prijorità ddentifikata minn Skeda I f'mhux aktar minn tliet mitt (300) kelma.
- Appendiċi II: Applikanti li qegħdin japplikaw għal Borża ta' Studju biex isostnu l-istudju tagħhom f'Livell 7 tal-QMK għandhom jispjegaw ir-rilevanza tal-istudju/ riċerka relatata mal-Prijoritajiet Strateġiċi ta' Malta u l-Istrateġija EU2020 f'mhux aktar minn tliet mitt (300) kelma.

- Appendiċi III: Applikanti li qegħdin japplikaw għal Borża ta' Studju biex isostnu l-Istudju tagħhom f'Livell 7 tal-QMK għandhom jispjegaw l-impatt tal-Istudju/Riċerka tagħhom fuq l-Iżvilupp ta' Malta f'mhux aktar tliet mitt (300) kelma.

  F'kull każ l-għadd tal-kliem ma jinkludix referenzi, biblijografija u noti addizzjonali.

8.02 Dokumenti oħra relatati mhux imtella' mal-applikazzjoni għandhom jiġu pprovduti lill-Uffiċċju responsabbli mill-Iskema ENDEAVOUR permezz tal-indirizz elettroniku ***endeavour.mede@gov.mt***

8.03 Id-data tal-għeluq tal-applikazzjoni hija l-**Ġimgħa, 31 ta' Lulju 2020 f'nofsinhar (Ħin lokali),** kif murija fis-sistema tal-*Malta Information Technology Agency* (MITA). Fil-każ tad-dikjarazzjoni / irċevuta tal-MQRIC, *Traskritt* / Rekords Akkademiċi u ULA **BISS**, id-data hija estiża sal-**Ġimgħa, 9 ta' Ottubru 2020 fl-4.00 ta' waranofsinhar (Ħin lokali).**

8.04 Applikazzjonijiet li jidħlu tard jew li ma jkunux kompluti ma jistgħux jiġu kkonsidrati mill-Bord tal-Iskema ENDEAVOUR. L-applikanti huma mħeġġa biex ma jħallux sal-aħħar ġurnata biex jissottomettu l-applikazzjoni minħabba problemi teknoloġiċi li jistgħu joħolqu diffikultajiet biex tintbagħat l-applikazzjoni onlajn. Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol ma jinżammx responsabbli għal dewmien minħabba dawn id-diffikultajiet.

8.05 L-applikanti għandhom jaraw li japplikaw onlajn sad-data tal-għeluq. Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR u l-Bord tal-Appelli ta' Boroż ta' Studju ma jistgħux jikkunsidraw petizzjonijiet mill-applikanti fejn jinsistu li ssottomettew applikazzjoni mingħajr evidenza tanġibbli.

# 9 Eliġibbiltà, Il-Proċess tal-Għażla u Proċeduri

9.01 Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol ħatar il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR biex iħaddem il-proċess tal-għażla. Il-Bord huwa responsabbli minn dak kollu li għandu x'jaqsam mal-proċess tal-għażla skont kriterji diġà stabbiliti, kif identifikat fi klawsola 10.01 u d-determinazzjoni tal-għotjiet skont ir-regolamenti.

9.02 Applikanti li jinstabu eliġibbli jissejħu għal intervista. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jaraw li jkunu disponibbli fid-data u l-ħin li jingħatalhom għall-intervista. Ma jistgħux isiru arranġamenti għal data u ħin ieħor sakemm ma jkunx hemm xi ċirkostanza partikolari, bi prova ta' dokument xieraq, li għalih jista' jintalab arranġament ieħor. Iċ-ċirkostanza partikolari tiġi eżaminata u l-ġurnata u l-ħin jingħataw wara qbil bejn il-membri fid-diskrezzjoni tal-Bord. L-intervisti huma mistennija li jsiru bejn Awwissu u Settembru , mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-8.30 ta' filgħodu u l-5.00 ta' waranofsinhar.

Applikanti li ma jattendux għall-intervista jitqiesu li mhumiex aktar interessati u għalhekk jitqiesu ineliġibbli mill-Bord, sakemm l-applikant ma jinfurmax lill-Uffiċċju responsabbli mill-Iskema jew il-Bord tal-Iskema ENDEAVOUR li ma jistax/tistax j/tattendi minħabba ċirkostanzi partikolari.

9.03 Fil-każ ta' applikanti li ma jistgħux jattendu fid-data u l-ħin tal-intervista minħabba li jkunu diġà barra minn Malta, l-intervista ssir permezz ta' SKYPE fil-ġurnata u l-ħin mogħti **biss.** Il-Bord tal-Iskema ENDEAVOUR ma jassumix reponsabbiltà jekk l-intervista ma ssirx minħabba xi raġuni teknika. F'każijiet eċċezzjonali, tista' tingħata ġurnata u ħin alternattiv għall-intervista, dejjem skont iċ-ċirkustanza li tkun wasslet biex l-intervista ma ssirx.

9.04 Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol waqqaf ukoll il-Bord tal-Appelli biex jittratta l-appelli mressqa mill-applikanti wara li jkunu infurmati bil-miktub bid-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR (Irreferi wkoll għal-Klawsola 9.6).

9.05 F'każ li applikant ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR, l-applikant biss jista' jippreżenta petizzjoni bil-miktub permezz ta' posta rreġistrata indirizzata lill-Bord tal-Appelli tal-Boroż ta' Studju jew b'imejl fuq l-indirizz elettroniku ***scholarshipsappeals.mede@gov.mt***. Din il-korrispondenza trid tasal fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol mid-data tal-korrispondenza mibgħuta mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR. Fl-appell, l-applikant irid jiddikjara b'mod ċar ir-raġunijiet għalfejn hu / hi qed j/tikkontesta d-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR.

9.06 Il-Bord tal-Appelli tal-Boroż ta' Studju għandu jindirizza biss appelli li jirriżultaw minn deċiżjonijiet meħuda mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR dwar kwistjonijiet relatati mal-proċedura jew dwar l-interpretazzjoni tar-Regolamenti f'termini ta' eliġibbiltà, għotjiet, u deċiżjonijiet oħra relatati mal-għoti ta' Boroż ta' Studju. Taħt l-ebda ċirkostanza ma jista' l-Bord tal-Appelli jibdel ir-Regolamenti, il-punteġġ tal-applikanti li jirriżulta minn intervisti li jkunu saru mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR jew jibdel il-klassifikazzjoni ta' applikant bħala riżultat ta' tali punteġġ.

9.07 Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli hija finali.

# 10 Kriterji tal-Għażla

10.01 L-applikazzjonijiet huma kkunsidrati abbażi tal-kriterji tal-għażla hekk kif ġej:

(a) Il-mertu akkademiku tal-applikanti (20%) – *Jitqiesu biss kwalifiki mil- Livell 5 tal-QMK jew għola*;
(b) Kif l-istudju/riċerka hija relatata mal-Qasam ta' Prijorità Identifikat – Appendiċi I (25%);
(ċ) Ir-rilevanza tal-istudju/riċerka mal-Prijoritajiet Strateġiċi ta' Malta u mal-Istrateġija EU2020 – Appendiċi II (20%);
(d) L-impatt tal-istudju/riċerka fuq l-iżvilupp ta' Malta – Appendiċi III (20%);
(e) Esperjenza ta' xogħol preċedenti fil-qasam ta' speċjalizazzjoni li qed japplikaw fiha jew xogħol ma' organizazzjonijiet volontarji (15%).

10.02 Applikanti jitqiesu li jkun għadda mill-intervista jekk jikseb *pass mark* (li hija 50% tal-marki allokati) fil-kriterji (b), (ċ) u (d) hawn fuq. Bil-kisba ta' *pass mark* ma jfissirx li l-Borża ta' Studju tiġi mogħtija awtomatikament.

# 11 Tipi ta' Boroż ta' Studju

11.01 L-applikanti jridu jkunu qegħdin japplikaw għall- kors ta' studju li jwassal għall- kisba ta' kwalifika f'Livell 7 tal-QMK.[2]

11.02 Applikanti li jingħataw Borża ta' Studju għandhom ikunu lesti li jibdew il-kors ta' studju tagħhom, li jwassal għal kwalifika fil-livell 7 tal QMK bejn is-13 **ta' Lulju 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020.**

11.03 Programmi / korsijiet ta' studju eliġibbli għal din l-Iskema u l-valur tal-għotjiet jidhru hawn taħt:

[2] Għal aktar informazzjoni dwar il-Qafas Malti għall-Kwalifiki, ikkuntattjaw l-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla jew żuru l-websajt fis-sit http://www.ncfhe.org.mt/. Għal skopijiet ta' tqabbil, Livell QMK 7 huma ekwivalenti għal Livell ISCED 7. Għal aktar informazzjoni fuq il-Klassifikazzjoni Internazzjonali Standard għall-Edukazzjoni (ISCED 2011), żuru s-sit **http://www.uis.unesco.org/Education/Documents/isced-2011-en.pdf.**

**Tabella 1: Għotja ta' Borża ta' Studju**

| Livell tal-Programm ta' Studju | Tul Massimu tal-Programm ta' Studju | Valur tal-għotja tal-Borża ta' Studju |
|---|---|---|
| Livell 7 tal-QMK | Ta' mhux aktar minn sentejn (24 xahar). | ▪ Għal programmi ta' studju f'Livell 7 tal-QMK li qegħdin isiru f'Malta, fejn il-kwalifika hija mogħtija minn Istituzzjoni Edukattiva / Awarding Body rikonoxxuta u rreġistrata f'Malta: €58 kull ECTS.<br><br>▪ Għal programmi ta' studju f'Livell 7 tal-QMK li qegħdin isiru f'pajjiżi oħra ( mhux f' Malta) jiġifieri fejn il-kwalifika hija mogħtija minn Istituzzjoni Edukattiva Rikonoxxuta u rreġistrata barra minn Malta u Programmi ta' Studju Konġunti: €100 kull ECTS. |

## 11.04 <u>Valur ta' Għotjiet u Ħlasijiet</u>

### 11.04.1 <u>Programmi/Korsijiet f'Livell 7 tal-QMK:</u>

Fil-każ ta' programmi ta' studju pprovduti minn istituzzjoni rikonoxxuta fuq bażi *part-time* / *distance learning* jew *full-time,* il-valur tal-għotja tal-Borża ta' Studju tkun ibbażata fuq in-numru ta' ECTS miksuba. Fil-każ ta' studenti li qegħdin jagħmlu kors ta' studju f'Malta, minn istituzzjonijiet irreġistrati f'Malta, l-ammont ta' flus li jitħallas għal kull ECTS miksub huwa ta' €58, filwaqt li studenti li qegħdin jattendu f'kors ta' studju barra minn Malta fejn l-*awarding body* hija istitutzzjoni rikonoxxuta u registrata barra minn Malta, l-ammont jitħallas għal kull ECTS huwa ta' €100.

11.04.2 Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR jista' jikkonsidra estensjoni għat-tlestija tal-istudji. **Estensjoni waħda** wara d-data tat-tkomplija, kif indikat fil-ftehim, tista' tiġi kkonsidrata mill-Bord tal-Iskema Boroż ta' Studju ENDEAVOUR. Talbiet għal estensjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Bord tal-Iskema Boroż ta' Studju

ENDEAVOUR. Kull talba għal estensjoni jrid ikollha l-approvazzjoni tal-istituzzjoni rikonoxxuta. Kull talba għall-estensjoni hija suġġetta għad-diskrezzjoni tal-Bord tal-Iskema ta’ Boroż ta’ Studju ENDEAVOUR jekk japprovax jew le. L-ebda fondi ma jiġu allokati jew imħallsa jekk din l-estensjoni tkun approvata.

**Talbiet għal estensjonijiet wara t-30 ta’ Ġunju 2023[3] ma jiġux approvati.**

11.04.3 Il-ħlas ta’ Boroż ta’ Studju jiġi effettwat kif ġej:

L-ewwel 30% tan-numru ta’ ECTS indikati fl-Ittra ta’ Aċċettazzjoni Bla Kundizzjoni se jitħallsu wara li jiġi iffermat il-ftehim tal-Borża ta’ Studju Endeavour. Il-Ħħlasijiet *interim* jitħallsu wara li jiġu ppreżentati *traskritti* proviżorji li jikkonfermaw li l-ewwel 30% tan-numbru ta’ ECTS ġew miksuba u maqbuża. L-aħħar 5% tan-numbru ta’ ECTS kif indikati fuq l-Ittra ta’ Aċċettazzjoni jitħallsu mal-konferma tal-klassifikazzjoni u tal-kwalifika mingħand l-Università / Istituzzjoni Edukattiva rikonoxxuta .

## 12 Għotjiet Addizjonali *(Additional Allowances)*

12.01.1 **Benefiċjarji ta’ Boroż ta’ Studju barra minn Malta:**

Benefiċjarji magħżula mill-Bord tal-Iskema tal-Boroż ta’ Studju ENDEAVOUR, u li jkunu qegħdin jistudjaw *full-time* f’istituzzjoni rikonoxxuta barra minn Malta, jingħataw **Għotja għall-Istudju barra minn Malta** ta’ elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) kull sena. Dan l-ammont jingħata b'żieda mal-ammonti msemmija hawn fuq u għandu jingħata biex ikopri spejjeż addizzjonali relatati ma' studju barra mill-pajjiż - sakemm studju barra jfisser residenti barra (jiġifieri barra minn Malta) matul il-programm ta’ Studji. Dawn il-benefiċjarji jkunu intitolati għal din l-għotja jekk jippreżentaw il- *Boarding Passes* li juru d-dettalji tat-titjira u d-destinazzjoni . Għal definizzjoni aħjar tal-Għotja għal Studju barra minn Malta, jekk jogħġbok ara Klawsoli 3.23 u 3.27 ta' dawn ir-Regolamenti.

Benefiċjarji li jkunu qegħdin jattendu programmi jew korsijiet ta' tagħlim fuq bażi *part-time* jew *distance learning* u li għal tul il-kors tal-istudji tagħhom jintalbu jattendu sessjonijiet fiżikament fuq il-kampus fl-Istituzzjoni barranija kif indikat fuq l-ULA tagħhom jew fuq il-programm ta' studju tagħhom, ikunu intitolati għal mitejn euro (€200) għal kull żjara barra l-pajjiż sa massimu ta’ elfejn u erba’ mitt ewro (€2,400) fuq perjodu ta’ 12-il xahar. Dawn ikunu soġġetti għall-provvediment tal-*boarding passes* u konferma mill-Istituzzjoni rispettiva tagħhom li tikkonferma l-iskop taż-żjara tagħhom.

[3] Dan jista’ jiġi estiż aktar f’każ ta’ ċirkustanzi ġustifikabbli.

12.01.2 **Benefiċjari ta' Boroż ta' Studju bit-Tfal taħt is-sittax (16) -il sena:**

Għall-benefiċjarji ta' Borża ta' Studju bit-tfal jew li għandhom kustodja legali tat-tfal, tingħata għotja għat-tfal bir-rata ta' elf, mija u sebgħin ewro (€1,170) kull sena għall-ewwel wild, u seba' mitt ewro (€700) kull sena għal kull wild ieħor taħt is-sittax-il sena, sakemm dawn qegħdin jirrisjedu mal-imsemmi benefiċjarju. Din l-għotja titħallas lil benefiċjarju wieħed meta ż-żewġ ġenituri/kustodji legali jkunu qegħdin jirċievu Borża ta' Studju. Bħala prova biex tkun tista' tisħallas din l-għotja addizzjonali il-benefiċċjarji iridu jippreżentaw dikjarazzjoni iffermata u ttimbrata min Nutar Publiku li jrid ikun ukoll *Commissioner of Oaths* fejn fiha jikkonferma l-isem/ismijiet tal-wild/ulied, id-data/dati tat-twelid u l-konferma li l-wild/ulied qed jgħix/u mal--benefiċjarju .

12.01.3 **Residenti Għawdxin**

Benefiċjarji li jirrisjedu Għawdex, u li qegħdin jagħmlu kors ta' studju, huma intitolati għal għotja addizzjonali ta' elf u ħamsin ewro (€1,050) kull sena għat-tul kollu tal-istudji. Biex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn din l-għotja addizzjonali, il-benfiċjarji konċernati għandhom jipprovdu ċ-Ċertifikat ta' Tmiem l-Iskola u/jew il-Profil u ċ-Ċertifikat tal-Iskola Sekondarja, mogħtija minn Skola Sekondarja f'Għawdex, u/jew is-Sixth Form t'Għawdex. Dawn iċ-ċertifikati jridu juru li l-benefiċjarju kien attenda mill-inqas għal tliet snin fi skola f'Għawdex. .

12.01.4 **Benefiċjarji b'Diżabilità**

Benefiċjarji li għandhom diżabilità jibbenefikaw ukoll minn elfejn (€2,000) ewro kull sena.

12.01.5 Ħlasijiet relatati mal-għotjiet addizzjonali jiġi rijimbursati kull tliet xhur / kull kwart tas-sena.

**Tabella 2: Għotjiet Addizzjonali**

| Livell QMK | Tip ta' Għotja | Għal xiex tingħata din ll-Għotja |
|---|---|---|
| 7 | Għotja għal Studju barra minn Malta | Għal żjarat ta' xahar jew aktar, l-ammont ta' għotja tinħadem *pro rata*<br>Għal żjarat inqas minn xahar, ir-rata ta' €200 kull żjara tapplika |
| | Benefiċjarji bit-Tfal (taħt is-16-il sena) skont Klawsola 12.01.2 | €1,170 fis-sena għall-ewwel wild u €700 kull sena għal kull wild ieħor |
| | Residenti Għawdxin skont Klawsola 12.01.3 | €1,050 kull sena |
| | Persuni b'Diżabilita' li jeħtieġu għajnuna skont Klawsola 12.01.4 | €2,000 kull sena |

# 13 Kundizzjonijiet Ġenerali għall-Għotjiet

13.01 Il-kundizzjonijiet ġenerali f'din it-taqsima japplikaw għall-applikanti kollha taħt l-Iskema u għall-benefiċjarji kollha.

### Stadju tal-Applikazzjoni

13.02 L-applikanti huma mistennija li jfittxu approvazzjoni minn qabel tal-viża (fejn applikabbli) għal kwalunkwe studju propost barra mill-pajjiż.

13.03 Għotjiet supplimentari ta' Boroż ta' Studju jew Għotjiet Supplimentari għall-istess kors ta' programm ta' studji mill-istituzzjoni rikonoxxuta magħżula, għandhom jiġu ddikjarati fl-intervista jew qabel ma jiġu aċċettati formalment għotjiet l-oħra. Id-dikjarazzjonijiet kollha jeħtieġu approvazzjoni mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta Studju ENDEAVOUR. Il-Bord jista' jitlob għal aktar dokumentazzjoni qabel ma jieħu kwalunkwe deċiżjoni. Kull għotja ta' Boroż ta' Studju supplimentari mhux approvata, jew għotja supplimentari aktar mill-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR, għall-istess kors jew programm, għandha titqies li tkun qed tikser il-ftehim. Bħala riżultat, il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR jirtira l-għotja ta' borża ta' studju u tintalab rifużjoni tal-fondi kollha mogħtija sa dak iż-żmien. Il-Bord iqis dan bħala frodi u jista' jipproċedi b'rikors ta' responsabbiltà kriminali kontra dak il-benefiċjarju. Ara wkoll Klawsola 4.11.

### Stadju Proviżorju tal-Għotjiet

13.04 L-applikanti jiġu nnotifikati bil-klassifikazzjoni tagħhom mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR.

13.05 Il-benefiċjarji jingħataw abbozz ta' ftehim li jistipula t-termini u l-kundizzjonijiet tat-tali għotja. Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR jirriżerva d-dritt li jirrevedi u jikkanċella l-għotja proviżorja jekk informazzjoni ġdida tiżvela kwalunkwe bidla fl-informazzjoni jew il-kundizzjonijiet li jagħmlu l-benefiċjarju proviżorjament ineliġibbli għall-għoti ta' Borża ta' Studju.

13.06 Il-benefiċjarji għandhom jikkonkludu u jiffirmaw il-ftehim sa mhux aktar tard minn tliet (3) xhur wara l-bidu tal-istudji jew mill-pubblikazzjoni tar-rizultati (*Ranking Orders*), skont liema tiġi l-aħħar, sakemm ma jkunx iġġustifikat mod ieħor. Nuqqas ta' preżentazzjoni ta' ftehim iffirmat sad-data preskritta, l-għotja tingħata lill-benefiċjarju li jkun imiss skont il-klassifikazzjoni rispettiva. Bħala parti mill-iffirmar tal-ftehim, il-benefiċjarju jintalab jimla numru ta' formoli, inklużi l-*Financial I.D.* (TR/ S-9) u dokumneti oħra li jistgħu jiġu kkomunikati mill-*Project Leader* / MEDE.

13.07 F'każ li jinqala' xi kunflitt bejn l-interpretazzjoni tal-klawsoli fir-Regolamenti u l-ftehim, ir-Regolamenti dejjem jipprevalu.

13.08 Benefiċjarji ta' Boroż ta' Studju huwa mistennija li jieħu l-għotja tal-Boroż mid-data ddikjarata mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' studju ENDEAVOUR fil-Ftehim. Jekk għal xi raġuni, l-benefiċjarji ma jkunux jistgħu jibdew l-istudji tagħhom fid-data ddikjarata fil-ftehim, jew jeħtieġu data ta' bidu differenti, huma jkunu obbligati li jinfurmaw lill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR malajr kemm jista' jkun. Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR jirriżerva d-dritt, fuq notifika ta' tali intenzjoni, li jirrevedi d-data tal-bidu jew inkella li jħassar l-għoti tal-Boroż ta' Studju jekk il-bidliet jimplikaw li jipposponu d-data tal-bidu bi ksur tal-Klawsola 11.02.

13.09 Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR jirriserva d-dritt li jippubblika l-ismijiet tal-applikanti magħżula proviżorjament għal Boroż ta' Studju fuq il-websajt tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u fuq in-*notice board* prinċipali fil-binja tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol fil-Floriana. Fl-applikazzjoni għall-għotja ta' borża ta' studju, l-applikant ikun qed jagħti l-kunsens għall-pubblikazzjoni tad-dettalji tiegħu/tagħha fil-każ li l-applikazzjoni tirnexxi.

**Stadju tal-Kuntratt**

13.10 Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR jirriżerva d-dritt li jippubblika l-ismijiet tal-benefiċjarji tal-Boroż ta' studju fuq il-websajt ***www.myscholarship.gov.mt*.**

13.11 Il-Boroż ta' Studju ma jistgħux jiġu estiżi biex jippermettu l-benefiċjarju jtemm kwalifika addizzjonali jew ogħla minbarra dik li għaliha saret l-għażla.

13.12 Kwalunkwe proprjetà intellettwali inklużi brevetti direttament minn jew li jirriżultaw minn xogħol ta' riċerka ffinanzjata mill-Boroż ta' Studju u mwettqa mill-benefiċjarju, għandu jkun kopert minn ftehim dwar Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali (IPR) li jirrikonoxxi li x-xogħol ta' riċerka mwettqa huwa ffinanzjat parzjalment mill-Fond Soċjali Ewropew / l-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR.

13.13 L-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR m'għandhiex tfittex li tikseb xi drittijiet fi proprjetà intellettwali, proprjetà tal-Istituzzjoni Rikonoxxuta u / jew tal-benefiċjarju.

13.14 Mal-għoti ta' Boroż ta' Studju, il-*Project Leader* tal- MEDE responsabbli mill-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR għandu/ha j/tagħmel l-informazzjoni miksuba disponibbli għall-awtoritajiet pubbliċi għal skopijiet ta' kontabilita`.

13.15 Benefiċjarji li jinstabu li jkunu taw informazzjoni falza jew li b'xi mod żammew informazzjoni li kienet tinfluwenza l-għoti tal-Boroż ta' Studju u / jew kwalunkwe għotja skont dawn ir-Regolamenti, jiġu skwalifikati minnufih u jiġu mitluba jirrifondu kwalunkwe spejjeż u flus mogħtija lilhom jew f'isimhom. Il-Bord tal-Iskema Endeavour jista' jipproċedi b'kawża ta' responsabbiltà kriminali, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni ċivili għal danni kontra dawk il-benefiċjarji.

## Progress u Tlestija

13.16 Kull sitt (6) xhur, il-benefiċjarji tal-Boroż ta' Studju għandhom jitlobu lis-superviżur tal-fakultà tagħhom biex jissottomettu lill-*Project Leader* / MEDE dikjarazzjoni qasira li tikkonferma l-progress, inkluż in-numru ta' ECTS miksuba u fejn applikabli l-attendenza tal-benefiċjarju. F'każ li ma tasalx din l-informazzjoni, jitwaqqaf il-ħlas tal-għotjiet u ta' aktar ħlasijiet li jirriżultaw minn din il-Borża ta' Studju.

13.17 Mat-tlestija tal-istudji, id-dokumentazzjoni indikata hawn taħt, irid jiġu sottomessi lill-Uffiċċju tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR fi żmien xahrejn (2) mill-għoti tal-kwalifika: -

1. Rapport finali (mibgħut direttament mill-istituzzjoni permezz ta' imejl), fejn l-Università tikkonferma li l-benefiċjarju jkun irċieva l-kwalifika;
2. Kopja elettronika tal-paġna tat-titlu u tal-paġna bil-lista tal-kontenut tat-teżi /dissertazzjoni /riċerka /proġett u l-*abstract* li jrid jinkludi l-pubbliċità tal-ESF kif indikat fi klawsola 15.
3. It-Traskritt u/jew iċ-Ċertifikat Uffiċjali tal-għota tal-kwalifika;

Id-Dokumentazzjoni f'format elettroniku u PDF trid tintbagħat lill-Uffiċċju responsabbli mill-Iskema Endeavour f'dan l-indirizz: endeavour.mede@gov.mt .

13.18 Meta jaċċettaw Borża ta' Studju fl-iskema ENDEAVOUR, il-benefiċjarji jkunu qed jaċċettaw li l-MEDE għandu d-dritt li jippubblika l-pubblikazzjonijiet kollha sottomessi mill-benefiċjarji. Dawn iridu jintbagħtu f'format elettroniku lill-Uffiċċju tal-Iskema tal Boroż ta' Studju ENDEAVOUR, fi żmien tletin (30) jum minn meta jkunu saru pubbliċi biex jiġu mtella' fuq il-Portal tal-Boroż ta' Studju fi ħdan il-MEDE, li ġie maħluq għal dan l-iskop.

13.19 Benefiċjarji jridu jiktbu mill-inqas artiklu wieħed dwar ix-xogħol/l-istudji tagħhom fil-midja pubblika Maltija fi żmien sittin (60) jum mill-gradwazzjoni tagħhom, fejn huma jirrikonoxxu pubblikament li l-kwalifika twettqet wara l-għoti ta' Borża ta' Studju ENDEAVOUR, u li din il-Borża ta' studju hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni

Ewropea - Fond Soċjali Ewropew. Dawn l-artikli jistgħu jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-Boroż ta' Studju - MEDE. Il-benefiċjarji għandhom jippreżentaw kopja elettronika tal-artiklu.

## 14 F'każ li l-Studju Jintemm Qabel it-Tlestija

14.01 Benefiċjarji li għal kwalunkwe raġuni jwaqqfu l-istudji tagħhom, għandhom jinfurmaw lill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju Endeavour bil-miktub minnufih.

14.02 Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju Endeavour għandu fi żmien tletin (30) jum minn avviż bil-miktub, itemm l-għotja jekk -

- l-progress tal-applikant huwa meqjus bħala mhux sodisfaċenti mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta;
- l-applikanti jwaqqafu l-istudji; u / jew
- l-applikanti qed jiksru kwalunkwe klawsola ta' dawn ir-regolamenti u ma jirrimedjax il-ksur fi żmien tletin (30) jum minn meta jirċievi avviż bil-miktub li jirrikjedi li jagħmel hekk.

14.03 Meta benefiċjarju jkollu l-għotja ta' Boroż ta' Studju mitmuma taħt kondizzjonijiet stipulati fil-Klawsola 14.02, il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR għandu jiddetermina l-ammont li għandu jitħallas lura. Ir-rifużjoni għandha ssir fi żmien tliet (3) xhur minn meta l-benefiċjarju ma jġibx il-kwalifika jew ma jkompliex il-kors ta' studju skont il-każ.

14.04 Benefiċjarji m'għandhomx jitqiesu li qegħdin jiksru dawn ir-regolamenti **BISS f'każ ta' mard serju u mewt tal-benefiċjarju**. F'każ ta' mard serju, il-benefiċjarji għandhomu jipprovdu ċertifikati mediċi u testimonjanzi lill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR. Hija fid-diskrezzjoni tal-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju Endeavour , benefiċjarji li ma jistgħux isegwu aktar studji minħabba mard serju jistgħu jintalbu jirrifondu fuq bażi *pro rata* kif approvati mill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR .

F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-benefiċjarju tal-Boroż ta' Studju għandu jipprovdi spjegazzjoni ġustifikabbli dwar għalfejn il-kors ma ġiex komplut jew għaliex il-benefiċjarju ma kisibx il-kwalifika. Evidenza dokumentata, ċertifikati mediċi u dokumenti ta' xhieda oħra għandhom jakkumpanjaw kull talba. Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR mhu bl-ebda mod marbut li jaċċetta t-talbiet kollha mressqa. Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR jirriserva d-dritt li jaħtar l-espert tiegħu stess, kemm jekk ikun mediku jew mod ieħor, biex jagħti pariri u jevalwa l-każ tal-attur.

## 15 Obbligazzjonijiet ESF għall-Pubbliċità

15.1 Il-Proġett ENDEAVOUR huwa parzjalment finanzjat mill- Programm Operattiv II- Fond Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014 – 2020 *"Ninvestu fir-riżorsi umani sabiex noħolqu aktar opportunitajiet filwaqt li nippromwovu t-tisħiħ tas-soċjetà"*. Billi t-teżi hija parzjalment finanzjata mill- Programm Operattiv II, l-*abstract* tat-teżi għandu jinkludi l-Logo tal-ESF, il-Bandiera tal-UE, il-Bandiera Nazzjonali ta' Malta u t-test ta' ko-finanzjament. Barra minn hekk, il-pubblikazzjonijiet kollha (inklużi t-teżi / dissertazzjoni / xogħol / proġett ta' riċerka) li jirriżulta mill-kwalifika, li hija sponsorjata mill-ENDEAVOUR għandhom jirriflettu r-rikonoxximent li ġej: *"Ix-xogħol ta' riċerka żvelat f'din il-pubblikazzjoni huwa parzjalment iffinanzjat mill-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR. Il-Borża ta' Studju hija parzjalment iffinanzjata mill-Fond Soċjali Ewropew"*.

## 16 Informazzjoni

16.1 Għal mistoqsijiet u aktar informazzjoni kkuntattjaw:

**L-Uffiċċju tal-Iskema Boroż ta' Studju ENDEAVOUR**
**Kamra 115,**
**Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol,**
**Triq l-Assedju l-Kbir,**
**Il-Floriana, VLT 2000**
**Nru. tat-Telefon: 153**
**Imejl: endeavour.mede@gov.mt**
**Websajt: www.myscholarship.gov.mt**

***Il-websajt uffiċjali tal-Iskema Boroż ta' Studju ENDEAVOUR hija www.myscholarship.gov.mt. La l-Bord tal-Iskema Boroż ta' Studju ENDEAVOUR u lanqas it-Taqsima tal- Boroż ta' Studju fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol ma jassumu responsabbiltà għal informazzjoni mhux korretta li tinsab f'websajts oħra fir-rigward tal-Iskema Boroż ta' Studju ENDEAVOUR.***

Programm Operattiv II-
*Fond Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020*
*"Ninvestu fir-riżorsi uman sabiex noħolqu aktar opportunitajiet filwaqt li nippromwovu t-tisħiħ tas-soċjetà`"*
Boroż ta' Studju parzjalment finanzjati mill-Unjoni Ewropew
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 80% Fondi mill-Unjoni Ewropea; 20% Fondi Nazzjonali

## 17 Skeda I

### Oqsma ta' Studju ta' Prijorita' skont it-Termini ta' Klawsola 4.12

*NOTA: Għal skopjijiet ta' ċarezza, ħafna mit-termini f'din il-lista tħallew fil-lingwa oriġinali tagħhom*

**Industriji Kreattivi, li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Films
- Graphic and multimedia designers
- Design

**Edukazzjoni, Servizzi Edukattivi Internazzjonali, li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Andragogy
- Career guidance
- University and higher education teachers/lecturers
- Vocational/Professional education and training

**Studji Ambjentali, li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Ecology
- Green economy and sustainability
- Resource efficiency building
- Sustainable product design and innovation ecosystem
- Sustainable manufacturing

**Finanzi, li tinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Accountancy
- Auditing
- Banking
- Compliance and regulatory requirements
- Fund administration
- Risk Management
- Tax specialisations

**Is-Saħħa, li tinkludi imma mhix limitata għal :**

- Medicine (General Practice, Specialised Medical)
- Nursing
- Personal Care (home based for aged or disabled persons)
- Pharmacy

***Humanities* u l-Arti, li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Anthropology
- Archaeology
- Cultural Heritage and Restoration
- History
- Geography
- Languages (Maltese/Italian /French/German/Latin/Spanish…)
- Philosophy
- Sociology
- Translation, Terminology and Interpreting Studies

**Teknoloġija tal-Informatika u tal-Komunikazzjoni, li tinkludi imma mhux limitati għal:**

- Artificial Intelligence
- Blockchain
- Cloud Computing
- Computer Engineering (Hardware & Software)
- Computer networking
- Computer Programming
- E-Business/Digital Marketing
- Gaming Developing
- Games Presenting
- Search Marketing
- Security
- Site Developing
- Systems analytics
- Tech Developing

**Affarijiet Internazzjonali u Interni li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Conflict Resolution
- Diplomatic Studies
- Economic Security
- Energy Security
- Environment Security
- European Studies
- Governance in Small States
- Humanitarian Action
- International Relations
- Mediterranean Studies
- Migration
- National Securty

**Studji Manigerjali, li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Business Administration (MBA)
- Business ethics
- Business and Entrepreneurship
- Leadership and Organisational Behaviour
- Logistics and supply chain management
- Project management

**Studji marbutin mal-qasam Marittimu, li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Adding Value to Artisanal Fishing
- Maritime Law
- Shipping, Ship Handling, out-of-dock servicing and logistics

**Ix-Xjenzi, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika, li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Advanced manufacturing
- Architecture and Civil Engineering
- Aviation Maintenance Engineering
- Bioinformatics
- Chemistry
- Electronics Engineering
- Genomics
- Geology Geophysics/space
- Life Sciences
- Molecular Biology
- Oceanography

**Is-Servizzi u r-*Retail*, li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Entrepreneurship
- Equipping retail
- Retail Management

**It-Turiżmu u l-Istudji tal-Ospitalità, li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Business Tourism
- Cruise Liners Services
- Cultural Tourism
- Eco-Tourism
- Educational Tourism
- English Language Teaching to Speakers of other Languages (such as DELTA & TESOL)

**It-Trasport u l-Loġistika, li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Aircraft Maintenance and Registration
- Merchant Shipping
- Ship Modification and Registration
- Ship Management and Ship Repair
- Super Yachting Services
- Yachting Crew Training

**Studji Veterinarji, li jinkludu imma mhumiex limitati għal:**

- Veterinary Care
- Veterinary Sciences
- Veterinary Services

## 18 Skeda II

**[ESF.03.015]**

**Is-Sitt (6) Sejħa 13 ta' Lulju – 31 ta' Lulju 2020**

**Fondi Allokati :**

**ENDEAVOUR is-Sitt (6) Sejħa: €1.000,000**

Programm Operattiv II-
*Fond Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020*
*"Ninvestu fir-riżorsi uman sabiex noħolqu aktar opportunitajiet filwaqt li nippromwovu t-tisħiħ tas-soċjeta`"*
Boroż ta' Studju parzjalment finanzjati mill-Unjoni Ewropew
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 80% Fondi mill-Unjoni Ewropea; 20% Fondi Nazzjonali

## 19 Skeda III

Ministry for Education and Employment
Parliamentary Secretary for EU Funds and Equality

**[ESF.03.015]**

**Skema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR**

**Is-Sitt (6) Sejħa - 2020**

**Lill-Bord tal-Iskema ta' Boroż ta'Studju Endeavour**

Jiena ____________________________________________ , niddikjara li t-tul tal-programm ta' studju li applikajt għalih taħt l-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR, is-Sitt Sejħa, huwa skont *il-klawsoli 4.01.2 u 6.02.1 tar-Regolamenti tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR il-Ħames Sejħa.

_________________________ _____________________________

In-Numru tal-Karta tal-Identitá tal-Applikant/a Firma tal-Applikant/a

** L-ebda eċċezzjoni ma tista' tiġi kkunsidrata dwar il-perjodu tat-tmeim tal-kors / programm ta' studju kif stipulat fi Klawsoli 4.01.2 u 6.02.1 tar-Regolamenti tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju ENDEAVOUR – is-Sitt Sejħa.*

Programm Operattiv II-
*Fond Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020*
*"Ninvestu fir-riżorsi uman sabiex noħolqu aktar opportunitajiet filwaqt li nippromwovu t-tisħiħ tas-soċjeta`"*
Boroż ta' Studju parzjalment finanzjati mill-Unjoni Ewropew
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 80% Fondi mill-Unjoni Ewropea; 20% Fondi Nazzjonali